MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 737/2002

**Hotels Administrations Limited**

**vs**

**Carmelo Bugeja**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut prevja dikjarazzjoni li l-konvenut telaq mill-impjieg tieghu mas-socjeta’ attrici qabel iz-zmien specifikat fil-kuntratt ta’ servizz definit tieghu (Dokument ‘A’), ghall-hlas tas-somma ta’ elf, disa’ mija u erbgha u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm1,944.80) rapprezentanti l-bilanc tal-ammont shih dovut mill-konvenut bhala nofs il-paga kollha li ghaliha kien ikollu jedd li jircievi mis-socjeta’ attrici, f’kaz illi baqa’ fis-servizz tal-kumpanija ghall-bqija taz-zmien espressament miftiehem fil-kuntratt tas-servizz li gie ffirmat fis-26 ta’ Gunju, 2001, ma’ l-istess socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Settembru, 2001, u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet relattivi dekorribbli mill-5 ta' Settembru, 2001, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-20 ta' Jannar, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------